Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

# Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Id-Disgħa Leġiżlatura

Laqgħa Numru 12/2025

10 ta' Dicembru, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-5:30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Uffiċċjal Preżenti:
Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

### 12.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku qal li l Kunsilliera Joanna Abdilla kienet avzat li ser tittardja ftit. Hija giet skuzata.

### 12.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

12.1.1 Is-Sindku spjega li ref punt 11.2.1 *(Traffic Management)* sid il-ħanut tax-xagħar kienet reġgħet talbet biex terġa' tiltaqa' mal-Kunsill. Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 2 ta' Diċembru 2025 kien iltaqa' ma *Transport Malta* fejn spjegaw li kienu qed jaqblu mat-*Traffic Management*. Is-Sindku qal li *Transport Malta* kienu qalulu li kien hemm tip ta' signage li jagħmlu l-Kunsilli bħala reklam għall-ħwienet. Is-Sindku wera ritratt ta' pole b'diversi tabelli miegħu. Is-Sindku qal ukoll li minn-naħa ta' *Transport Malta* kien ġie perit fejn iddiskutew il-*locations* fejn setgħu jeħlu t-tabelli li ukoll ikunu jridu l-approvazzjoni ta' *Transport Malta*. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat ittra lill-ħwienet kollha li għandna Ħal Safi sabiex juru l-interess tagħhom jekk u fejn jixtiequ jkollhom tabelli b'isem tal-ħanut, u ssuġġerixxa ukoll li tal-ħwienet iħallsu *fee* minima fis-sena. Il-Kunsill iddiskuta u qabel.

Is-Sindku qal ukoll ref punt 11.2.1 (*traffic management*) kienu daħlu lmenti li żdied ftit it-traffiku fi Triq Dun Gużepp Caruana.

12.1.2 Is-Sindku qal ref punt 11.2.3 (laqgħa flimkien mas-Sindku taż-Żurrieq u *Water Services Corporation* f'Misraħ Ħlantun), li l-*water services* kellhom l-ewwel jagħmlu l-cables għad-dawl, imbagħad wara jibdew b'dan il-proġett. Is-Sindku spjega li hekk kif ikun hemm in-*new water in place* il-Kunsill talab li jkollu aċċess għad-dispenser.

12.1.3 Is-Sindku qal li ref punt 11.2.5 (*solar poles tal-Public Works*) il-Kunsill kellu laqgħa rigward il-poles li kienu ser jeħlu fi Ġnien Dun Karm Vella. Is-Sindku spjega li issa l-poles kienu ser jeħlu fil-bandli u se jiżdiedu poles oħrajn magħhom, u b'hekk inkunu qed nindirizzaw il-problema tal-black spots fil-bandli wkoll.

Is-Sindku spjega ukoll fejn kienu ġejjin il-bozoz fir-rural. Huwa qal li l-poles kienu ser jeħlu fi triq int u dieħel minn Ħal Far, madwar erba' poles kienu ser jeħlu f'parti minn fejn il-*Clearwell Cottage* 'il quddiem u parti oħra mid-*Dog park* mill-perimeter sat-tarf.

12.1.4 Is-Sindku qal ref punt 11.2.8 (*ATM tal-BOV*) kien ġie il-Perit fejn iddiskutejna kif kien ser jiċċaqlaq il-ħajt biex jikber quddiem l-ATM biex isir aċċessibbli għal nies bis-siggu tar-roti. Is-Sindku qal li mal-ħajt tlabna sabiex tiġi rranġata l-art biex ma jibqax iżomm l-ilma, tinżera' siġra biex tagħmel id-dell lill-ATM u kif ukoll jirranġaw is-*syntetic turf* li hemm maħruq.

12.1.5 Is-Sindku qal ref punt 11.3.5 (*double yellow line Zurrieq Road*) il-Kunsill kien għamlu *single yellow line* minflok.

12.1.6 Is-Sindku qal ref punt 11.8 (Kuntratt Artifial Turf 5-A Side football Ground) min kien kkwalifika t-tieni kien daħħal appell u għalhekk il-Kunsill kellu jidher quddiem il-PCRB.

Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju kienu tkellmu mal-Avukat u li kienu ser jitilgħu quddiem il-PCRB, iċ-Chairperson u s-Segretarju flimkien mal-Avukat nhar il-Ħamis 8 ta' Jannar, 2026.

12.1.7 Is-Sindku qal ref punt 11.3.4 (bin wara d-dar tal-Kappillan) dan kien intlaqat u nġabar.

**12.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

12.2.2 Is-Sindku fakkar lill-Kunsillieri li kienu rċevew stedina għal Jum iċ-Ċelebrazzjoni fl-Iskola Primarja fid-9.30am.

12.2.3 Is-Sindku qal li l-Proġett ta' co-operazzjoni *'Eco-Active Citizens for a Sustainable Europe'* kien ġie approvat u li kien ser jiġi implimentat is-sena d-dieħla b'sitt konferenzi waħda minnhom issir hawn Malta f'Diċembru tas-sena d-dieħla. Is-Sindku kompla jispjega li kellu jitla parteċipant għal kull attivita' u li l-parteċipanti kellhom kollox imħallas.

12.2.4 Is-Sindku ssuġġerixxa li għal *Gala Night* tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jiġi organizzat trasport minħabba l-parkeġġ. Il-Kunsill qabel.

12.2.5 Is-Sindku fakkar li nhar it-Tnejn 22 ta' Dicembru kien ser ikun hawn il-Guggen Band. Huwa qal li kien irranga mal-*Community Police* biex ikunu preżenti u jassistu, u biex isiru n-No Parkings fil-pjazza.

12.2.6 Is-Sindku fakkar li l-ikla tal-Milied tal-istaff kienet ser ssir nhar is-Sibt 27 ta' Diċembru, 2025.

12.2.7 Is-Sindku qal li l-party tal-Kappillan kien ser isir it-Tnejn 29 ta' Dicembru, 2025 u l-Kappillan kien talab l-użu tas-Sala. Il-Kunsill qabel.

12.2.8 Is-Sindku qal li persuna fi Triq Qerd in-Naħal kienet qed titlob li ssir mera ma pole li hemm faċċata tad-dar tagħha għaliex kienet qed issibha diffiċli toħrog bil-karozza. Il-Kunsill qabel.

12.2.9 Is-Sindku qal li żewġ persuni mill-area tal-Ħlantun kienu kellmuh sabiex juru x-xewqa tagħhom sabiex biċċa *soft area* li ma kinitx qed tintuża jħawluha bis-siġar taż-żebbuġ, a spejjeż taghhom li jibqgħu jieħdu ħsieb iż-żamma ta' din l-area kemm bħala tisqija kif ukoll bħala żbir. Is-Sindku kkonferma li l-parkeġġ eżiżtenti ma kienx ser jintmiss. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsir tip ta' ftehim bejn dawn il-persuni u l-Kunsill.

12.2.10 Is-Sindku qal li minħabba l-*one way* tal-pjazza l-Kunsill kien ta' *concession* biex tlett vannijiet jistgħu jgħaddu kontra l-*one way* biex iwasslu n-nies d-*Dementia Centre*. Pero' issa qal li anki nies individwali kienu qed jippretendu li jkollhom *concession.* Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għal issa ħadd ma jingħata *concession* hlief xi eċċezzjonijiet bhal persuni li ma jkunux jistghu jimxu u dan b'rakkomandazzjoni tan-nurse inkarigat mid-Dementia Centre. Dan għaliex fil-verita' kien hemm min fejn jgħaddu biex jaslu quddiem id-*Dementia centre*.

12.2.11 Is-Sindku qal li Triq San Ġorġ u Triq in-Nassaba kien hemm problema ta' *bulky refuse* fejn xi residenti kienu qed iħalluh barra b'mod ripetut bla ma jirrappurtaw il-Kunsill. Minħabba f'hekk is-Sindku qal li kien tkellem mal-kuntrattur tal-kameras sabiex jagħtina stima ta' kamera li taħdem *b'sim card* u li tieħu d-dawl bil-pannelli fotovoltaiċi li ukoll tkun faċli li nċaqilqu minn post ghall-iehor. Is-Sindku ressaq il-kwotazzjoni, il-Kunsill iddiskuta u qabel li nixtru waħda sabiex nagħmluha fejn ikun hemm il-ħtiega sabiex jitnaqqas l-abbuż tal-bulky jew xi kwalunkwe abbuż iehor.

12.2.12 Is-Sindku qal li l-membrane fuq il-bejt tal-Kunsill kien spicca. Huwa ssuġġerixxa li dan jinbidel u minflok isir liquid membrane qabel ma jeħlu l-panelli fotovoltajiċi. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-istimi sabiex isir mill-ġdid.

12.2.13 Is-Sindku għarraf li r-Reġjun Punent kienu tawna 15-il biljett għall-*Illuminated Trail* u li min kien interessat seta' jieħu l-biljett/biljetti.

**12.3 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

12.3.1 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li persuna kienet ġibditilha l-attenzjoni illi t-*totems* li għandna għal nies bid-*Dementia* fil-bandli ma baqgħux jagħmlu sens minħabba l-*one ways*. Is-Sindku qal li dawn it-*totems* ma kinux saru għal min ikun qiegħed isuq il-karozza iżda għal nies li jbatu bil-kundizzjoni tad-*Dementia* biex ma jintilfux.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla ssuġġerixiet li l-aħħar żewġ *totems* jinbidlu u jeħlu kontra. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jordna dawn iż-żewġ tabelli mill-ġdid. Il-Kunsill qabel.

12.3.2 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li s-Sigra tal-Milied li kien hemm fuq iz-zuntier kienet qeghda fin-nofs wisq u ssuġġerixxiet li titmexxa biex ikun hemm aktar aċċess facli. Il-Kunsillier Kurt Debono qal li min kien qed jaħdem mal-faccata tal-Knisja kien qed iċaqlaqha sabiex jaħdem. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li tersaq ftit.

12.3.3 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li f'laqgħa preċidenti kien issemma' bust ta' Dun Karm Vella biex isir fil-Ġnien. Is-Sindku qal li kien tkellem ma' *Project Green* li qalu li ma kinitx

problema pero' tawh parir li jsir xi tip ta' qafas ta' kriterja sabiex wieħed ikun jixraqlu jsirlu bust. Is-Sindku qal li l-probabblita' ser ikun hemm aktar talbiet u għalhekk qabel isir l-ewwel wieħed il-Kunsill għandu jagħmel il-kundizzjonijiet biex isir dan. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna anka nieħdu *feedback* minn Kunsill oħra u jsir xi tip ta' *agreement*. Il-Kunsill qabel.

12.3.4 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li fil-maqrut quddiem il-Mitħna tax-Xarolla kien hemm tabella tqaċċtet. Is-Sindku kkonferma li dan kienet taqa' taħt il-Kunisll taż-Żurrieq u li diġa' kien sar rapport. Il-Kunsillier Kurt Debono ssuġġerixxa li f'dan il-lok kien jinħtieg li isir tabella bi vleġġa. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nressqu din it-talba lill-Kunsill taż-Żurrieq.

12.3.5 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li il-maqrut li kien hemm fi Triq ta' Ġawhar kien hemm tlett kubetti nqalgħu bil-maltemp. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nirranġawhom.

## 12.4 Sejħa għal Grawnd tal-Attendant

Is-Sindku qal li l-attendant tal-grawnd tal-football ilu jgħidlu biex il-Kunsill isib xi ħadd ieħor biex jibda jieħu ħsieb il-grawnd tal-football, għalhekk issuġġerixxa li l-Kunsill joħroġ sejħa fuq id-DOI biex jekk ikun hemm xi ħadd interessat japplika. Il-Kunsill qabel.

## 12.5 Performance Appraisal Haddiema Klerikali

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-*performance appraisal report* tal-iskrivani u qalet li tħoss li l-iskrivani kienu qegħdin jagħmlu ħilithom bil-kbir sabiex ix-xogħol tal-Kunsill jimxi b'mod effiċċjenti u għalhekk issuġġerixxa illi għandhom jingħataw l-*full performance bonus*, dak ta' 10%. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12.6 Performance Appraisal Segretarju Ezekuttiv

Is-Sindku ressaq il-*performance appraisal report* tas-Segretarju Eżekuttiv u ssuġġerixxa li tingħata l-ammont massimu tal-bonus. Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tieħu l-massimu tal-bonus. Dan ir-rapport għandu jitressaq għall-approvazzjoni tad-Dipartiment qabel jitħallas.

## 12.7 Applikazzjoni P.C. 62/2020

Is-Sindku spjega li fl-2020 kienet saret applikazzjoni ta' żvilupp fl-area bejn iż-Żurrieq u Ħal Safi li għaliha l-Kunsill kien tefa' oġġezzjoni flimkien mal-Kunsill taż-Żurrieq. Is-Sindku spjega li dak iż-żmien li sar ir-*rationalisation* ta' Triq il-Ħajt Ruman, il-parlament

kien għamel ċertu kundizzjonijiet fuq din l-akwata fosthom l-għoli tal-bini. Is-Sindku qal li l-Perit taż-Żurrieq xorta qed jesiġi li għalkemm intefgħu drawings ġodda l-applikant xorta ma kienx qed jissodisfa l-kriterji kollha u għalhekk il-Perit kien bagħat ittra ta' oġġezzjoni. Is-Sindku qara l-ittra ta' oggezzjoni lill-Kunsill, saret diskussjoni u l-Kunsill qabel unanimament li għandna ndaħħlu l-oġġezzjoni tagħna għal dan il-permess flimkien mal-Kunsill taż-Żurrieq.

**12.8 Korrispondenza**

Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-korrispondenza.

**12.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament inkluż il-pagamenti kollha relati ma' Festa Familja 2025 li kienu tħallsu kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-lista ta' persuni *housebound*. Is-Sindku ressaq il-lista lill-Kunsill. Is-Sindku qal li flimkien ma din il-lista kien hemm oħrajn. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li xtaqet tqajjem punt mhux biex tittiehed deċizjoni dak inhar, pero' ssuġġerixxiet li l-Magazin tal-Kunsill isir darba fis-sena minflok tnejn. Il-Kunsill iddiskuta pero' ma tteħditx deċiżjoni.

**12.19 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-8.21pm. Il-Laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 14 ta' Jannar, 2026 fis-6:00pm.

Iffirmati

Iffirmati

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv